# ID-DIGRIET TAT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA

75
SENA


PETRUS PACE
DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
ARCHIEPISCOPUS RHODI EPISCOPUS MELITÆ
EIDEM S. SEDI IMMEDIATE SUBJECTUS
ETC. ETC. ETC.

Quo uberes salutis fructus in regione rurali, vulgo dicta Birzebbugia, infra limites Casalium Gudia, Zurrico, Zeitun et Marsascirocco, adhuc suscepti a tempore quo ibidem Vicecuratum constituimus in Ecclesia dicata Beatae Mariae Virgini Perdolenti, ut incolae Sacramenta recipere, Missae sacrificio assistere, et verbum Dei audire frequentius et commodius possent, in dies latius augeantur, cumque propitia promovenda ac dilatanda salutis animarum auspicia ibidem non desint, uti Nobis significatum nuper est ab eodem Vicecurato,





75
SENA



# PIETRO PACE
## GĦALL-GRAZZJA T'ALLA
## U TAS-SEDE APPOSTOLIKA,
## ARĊISQOF TA' RODI,
## ISQOF TA' MALTA

Sabiex ikun jista' jinfirex aktar il-frott spiritwali fiż-żona rurali, magħruf bħala Birżebbugia, li qeda fil-limiti ta' l-irħula tal-Gudja, Zurrieq, Ħal-Għaxaq u Marsaxlokk, frott li għadu sa issa jitgawda sa minn dak iż-żmien li konna waqqafna hemmhekk il-Knisja Viċendarja dedikata lil Marija Addolorata, u biex aktar titkabbar l-opportunita' li l-fidili jkunu jistgħu jirċievu s-sagramenti, jassistu għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u jisimgħu l-kelma ta' Alla aktar sikwit u u b'aktar kumdita', u ġaladarba jidhru li hemm prospetti sbieħ biex il-kura ta' l-erwieħ titmexxa 'l quddiem u tinfirex f'dawk l-inħawi, kif ġie ndikat Lilna dan l-aħħar mill-istess Viċendarju, dehrilna li l-post imsemmi, magħruf bħala Birżebbugia, bin-nies kollha li joqogħdu fih, għandna nifirduh mill-knejjes parrokkjali tal-Gudja, Żurrieq, Ħal-Għaxaq u Marsaxlokk, li lkoll jinsabu 'l bogħod minnu u nwaqqfuh bħala Parroċċa separata.

Għalhekk, bl-awtorita` Tagħna ordinarja u b'dik Appostolika delegata Lilna, it-territorju ta' Birżebbugia bl-abitanti kollha tiegħu, b'dan id-digriet qegħdin naqtgħuh, naqsmuh u nifirduh mill-knejjes parrokkjali msemmija, u l-Knisja ta' Marija Addolorata ngħolluha u niddikjarawha Parroċċa ġdida, bis-setgħat, drittijiet u fakultajiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħidma tal-kura ta' l-erwieħ, tas-sagrament tal-penitenza, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-Sagramenti, li normalment jamministrawhom il-Kappillani, bid-dmirijiet, piżijiet, drittijiet, unuri u dak kollu li hu marbut mal-liġijiet li jirrigwardaw il-parroċċa, filwaqt li nissupplixxu, fejn ikun meħtieġ, il-kunsens għal dawk li għandhom jew jippreżumu li għandhom xi nteressi.

Bħala remunerazzjoni u sostenement tal-Kappillan attwali, u ta' dawk li jiġu warajh, minbarra l-ewwel frott u drittijiet oħra u kontribuzzjonijiet li l-parruċċani ta' l-irħula tal-Gudja, Żurrieq, Ħal-Għaxaq u Marsaxlokk kienu soltu jagħtu lill-Kappillani tagħhom, nassenjaw is-somma ta' tmin-tax-il lira Ingliża, tlettax-il xelin u tmien soldi (£18-13-8), fuq il-frott u r-renti tal-benefiċju, mingħajr ebda rbit, imsejjaħ "Tal-Burix", kif ukoll ir-renti marbuta ma' dak l-istess benefiċju għas-somma ta' £14-13-8 u nagħtuhom a favur tal-bini tal-Knisja, għall-ispejjeż u l-ħtiġijiet tal-kult, bis-saħħa tar-Reskritt Appostoliku tal-15 ta' Diċembru 1909 u minna esegwit regolarment fid-19 ta' Mejju 1913.

Bl-istess mod nassenjaw a favur ta' l-istess Knisja Parrokkjali l-ġdida r-renta ta' kull sena ta' 300 Lira Taljana, imposta fuq il-frott u r-redditi tal-Kanonikat u l-Prebenda tal-Kantur tal-Knisja Kattidrali, mogħtijin permezz ta' l-Ittra Appostolika f'Ruma bid-data tas-6 ta' Awissu tas-sena kurrenti, u esegwita min-naħa Tagħna, kif fid-dover, fis-6 ta' Settembru ta' l-istess sena.

Iżda, sabiex ma jinqalgħux xi darba kwistjonijiet dwar il-limiti (parrokkjali) Aħna qegħdin b'dan id-Digriet Tagħna nisseparaw din il-Parroċċa ġdida u niddikjarawha tali, mill-Parroċċi antiki, skond il-pjanta annessa, magħmula mill-Perit imqabbad minna għal din il-biċċa xogħol, u miżmuma fl-Atti tal-Kurja Tagħna.

Biex jieħu ħsieb il-kura spiritwali tal-poplu tal-Parroċċa l-ġdida msemmija, Aħna nqiegħdu u niddelegaw lill-Iben Tagħna fi Kristu, ir-Reverendu Carmelo Bugelli, u f'idejh nafdaw l-amministrazzjoni tas-Sagramenti kollha tal-Knisja, filwaqt li rridu u nordnaw li kulħadd juri u jwettaq l-ubbidjenza kollha dovuta lilu.

Mogħti mill-Palazz Tagħna Arċiveskovili, fil-Belt Valletta, fid-9 ta' Settembru 1913.

ft. † Pietro Pace, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta

Sac. P. Vella Mangion, Kanċillier.


PIETRO PACE

PER GRAZIA DI DIO E DELL' APOSTOLICA SEDE

ARCIVESCOVO DI RODI VESCOVO DI MALTA

Alla Medesima S. Sede Immediatamente Soggetto

DEL SANTISSIMO SIGNORE NOSTRO PIO PP. X.

Prelato Domestico

etc. etc. etc.

# L-ITTRA PASTORALI TA' L-ISQOF PIETRU PACE LI PERMEZZ TAGĦHA XXANDAR IT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA




# IL-PJANTA LI TURI LIL B'BUĠA MAQTUGĦA MINN M'XLOKK, GĦAXAQ, ŻURRIEQ U GUDJA

# L-EWWEL MAGĦMUDIJA REĠISTRATA FIL-PARROĊĊA

75 SENA


1

Liber Baptizatorum
Parochiae Birzebbugiae

Anno Domini Millesimo non
gentesimo decimotertio (1913),
die secunda (2) Octobris.
Ego Carmelus Bugelli, Ca
nonicus ad honorem S. Me
tropolitanae Ecclesiae Corcy
rensis, Parochus Birzebbu
giae, audita abjuratione
Gulielmi Friderici Myhill,
annorum viginti, a
Protestantium haeresi ad
fidem Catholicam reversi,
filii Gulielmi Friderici
Myhill et Emiliae Gould
conjugum, illum baptiza
vi sub conditione illique
imposui nomina: Guliel
mus, Fridericus, Nazarenus
Angelus-Maria. Patrinus
fuit Antonius Zarb filius
Emmanuelis ex hac parochia.

Myhill Gulielmus

Anno Domini Millesimo
nongentesimo decimotertio
(1913), die quarta (4) Novem
bris.
Ego Carmelus Bugelli
Canonicus ad honorem
Sanctae Metropolitanae

Schembri Gaetanus

## Traduzzjoni mill-Latin ta' l-ewwel Magħmudija

### Ktieb tal-Magħmudijiet – Parroċċa ta' B'Buġa

Is-sena tal-Mulej, elf disa' mija u tlettax (1913), it-Tnejn (2) ta' Ottubru.

Jiena Carmelo Bugelli, Kanonku Onorarju tal-Knisja Metropolitana ta' Korfu`, Kappillan ta' B'Buġa, wara li smajt it-talba tiegħu, William Frederick Myhill, fl-eta` ta' 20 sena, wara li ħalla il-Protestantiżmu u aċċetta il-fidi Kattolika, iben William Frederick Myhill u Emilia Gould, ġie mgħammed "sub conditione" u ġie mogħti l-ismijiet, William, Frederick, Nazzarenu, Angelo Marija. Il-parrinu tiegħu kien Anton Zarb iben Emmanuel minn din il-parroċċa.

**Nota Marġinali:** Iżżewweġ fid-9 ta' Novembru 1913 f'din il-parroċċa ma' Maria Zerafa, bint Rokku Zerafa u Margerita Scerri, mgħammda fil-parroċċa taż-Żurrieq fl-24 ta' Awissu 1895.